**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Nru: 400/2014 MLF**

**P.J. Sutters (Marketing) Limited**
**vs**
**Erak and Camilleri Investments Limited**
**Mark Kevin Camilleri**
**Sharon Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati, solidalment u indivizibilment bejniethom, ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hamest elef seba' mija tnejn u hamsin Euro u disghin centezmu (€5,752.90c) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u lilhom kkonsenjata.

Bl-ispejjez kollha ta' dawna l-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kif ukoll l-imghax kummercjali b'effett mit-28 ta' Gunju, 2012, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li flimkien mad-diretturi tas-socjeta' intimata huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati bil-proceduri, ma dehrux ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2015 u lanqasipprezentaw risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-23 ta' Dicembru, 2015, il-konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef seba' mija tnejn u hamsin Euro u disghin centezmu (€5,752.90c) bl-ispejjez kollha ta' dawna l-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kif ukoll l-imghax kummercjali b'effett mit-28 ta' Gunju, 2012, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**